KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
https://iklinlc.gov.mt

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**L-GĦAXAR KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 5 – L-ERBGĦA, 9 TA' OTTUBRU 2024**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sur Mario Fenech | Kunsillier |
| | Sa Mary Grace Gusman | Kunsillier |
| | Sur Matthew Fenech | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

## 5.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

5.1.1 Ma kienx hemm.

## 5.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

5.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (5) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

5.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.


Sindku (Mayor): Dott. Dorian Sciberras LL.D., Viċi Sindku (Vice Mayor): Yvonne Bartolo,
Kunsillieri (Councillors): Mario Fenech, Matthew Fenech, Mary Grace Gusman

## 5.3 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

5.3.1 Is-Sindku Dott Dorian Sciberras informa lill-preżenti li kien wasal l-Electric Powered Passenger Van 7-seater wara li l-Kunsill kien applika għal skema SPI/SCI/09/2022 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom. Is-Sindku informa li kien issottometta proposta dwar ix-xiri ta' EV biex il-Kunsill jibda jipprovdi servizz ieħor lill-komunità partikolarment lill-anzjani fejn il-Kunsill joffri servizz ta' transport għal servizzi essenzjali. Fid-dawl tal-istudju li l-Kunsill kien wettaq mal-Università ta' Malta preċiżament mall-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà, il-Kunsill ried jimplimenta dak li ħareġ mill-istudju. Kien għalhekk li l-Kunsill ressaq din il-proposta biex joffri servizz ta' transport intra-komunitarju għal persuni 60+ bl-iskop li l-Kunsill jappoġġja l-miri dwar l-istrateġija nazzjonali kif isemmi l-Patt Ekoloġiku Ewropew fejn jistabilixxi l-objettiv li l-Unjoni ssir newtrali għall-klima fis-sena 2050. L-elettrifikazzjoni fis-settur tat-trasport tikkontribwixxi għall-effiċċjenza tas-sistema u tiffaċilita t-tranżizzjoni għal sistema tal-enerġija rinnovabbli.

Wara li l-proposta ġiet milqugħa mill-Bord tal-Evalwazzjoni, it-talba għall-fondi ġiet aċċettata u l-Kunsill ikkwalifika għall-ammont ta' Eur31,450.00 VAT inkluż u kif ukoll għall-ammont ta' Eur1,500 VAT inkluż bħala fondi għall-assistenza waqt l-implimentazzjoni tal-proġett. Bażikament il-Kunsill ingħata 75% tas-somma bil-quddiem u l-bilanċ jingħata kif jiġi finalizzat il-proġett. Il-Kunsill ingħata s-somma ta' Eur24,712.50 bil-quddiem skont il-grant agreement. Sintendi il-proċess ħa ż-żmien tiegħu fejn kellu jsegwi l-proċeduri finanzjarji permezz tal-akkwist pubbliku. Wara li l-Kunsill kien ippubblika s-sejħa għall-offerti għal tliet darbiet konsekuttivi mingħajr rispons sodisfaċenti mill-economic operators, il-Kunsill ottjena l-permess mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali biex imur għal kuntratt dirett skont proċedura stabbilita. L-EV irreġistrat u liċenzjat wasal f'idejn il-Kunsill nhar it-8 ta' Ottubru. Is-Sindku esprima l-ħsieb li l-EV isirlu *half wrapping* biex nuru li huwa l-EV tal-Kunsill. Fil-jiem li ġejjin se jkun qed isir pjan ta' kif ser jitħddem is-servizz u ssir ukoll il-pubbliċità ta' dan il-proġett.

5.3.2 Is-Sindku Dott Sciberras informa lill-preżenti dwar ix-xogħlijiet li għadhom għaddejjin fi Triq Stefano Erardi u Triq Alfons Maria Galea.

Fir-rigward ta' Triq Stefano Erardi, is-Sindku huwa infurmat li l-proġett se jkun qed jingħalaq dan ix-xhar filwaqt li talab biex lill-Aġenzija Infrastructure Malta biex jimplimentaw l-immaniġġjar tat-traffiku ta' Triq Stefano Erardi għaliex ladarba t-triq infetħet għall-parkeġġ u t-traffiku, qed nistennew li jsir xi inċident għaliex għad ma ġewx implimentati s-sinjali tat-traffiku.

Fir-rigward ta' Triq Alfons Maria Galea, is-Sindku Dott Sciberras informa li l-Korporazzjoni Enemalta se tkun qed tagħmel xogħol fl-infrastruttura tagħha u għaldaqstant l-Aġenzija IM ser tissospendi l-kumplament tax-xogħlijiet sakemm tinfetaħ trinka fin-nofs tat-triq. Kif appena jitlestew x-xxogħlijiet mill-kuntrattur tal-Enemalta, il-kuntrattur assenjat mill-Aġenzija IM tkun tista tagħti l-aħħar wiċċ tal-asphalt (wearing course) biex il-proġett jiġi fit-tmiem tiegħu.

5.3.3 Bil-permess tas-Sindku, il-Kunsillier Mary Grace Gusman staqsiet dwar il-possibiltà li tissejjaħ laqgħa mall-Community Police Team minħabba issues li tfaċċaw riċentement dwar serq minn vetturi fil-parkeġġ ta' Triq San Mikiel.

Is-Sindku Dott Sciberras wieġeb li ser tinżamm laqgħa mall-Community Police Team skedat għal nhar is-16 ta' Ottubru fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Is-Sindku stieden lill-Kunsillieri sabiex jattendu għal din il-laqgħa.

## 5.4 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

5.4.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn l-10 ta' Settembru u s-7 ta' Ottubru 2024 kif jidher fid-dokumenti A u B.

**COMPLAINTS SHEET (10 ta' Settembru - 7 t'Ottubru 2024)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 306 | 10/09/2024 | Hemm bieba t'arblu tad-dawl miftuha fi Triq Stefano Erardi c/w Triq il-Klin | settled | Triq Stefano Erardi | **ENEMALTA** |
| 307 | 10/09/2024 | Hemm bozza maqtugħa fuq arblu f'Wesgħa Lewis JB Scicluna | pending | Wesgha Lewis JB Scicluna | **ENEMALTA** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 308 | 12/09/2024 | Resident minn Triq AM Galea qed jilmenta li qatgħulu l-pipe tad-drain qasir u jekk jitfgħu cement fuqu jordmuh | settled | Triq AM Galea | **INFRASTRUCTURE** |
| 309 | 13/09/2024 | Din ir-residenta qed tilmenta li qatt ma' rat kennies għax ħdejn l-MRCD/Orienta dejjem bil-weraq u l-ħaxix | closed | Triq Giovanni Curmi | **CLEANSING** |
| 310 | 13/09/2024 | 3 tappieri maqlubin Triq Wied, G Abos u Naxxar wara x-xita | settled | Triq Wied, G Abos, Naxxar | **WSC** |
| 311 | 16/09/2024 | Ilmenti fuq vetturi pparkjati f'timed parking zones fi Triq G E Mercer ma Triq Dun Karm | pending | Triq G E Mercer | **LESA** |
| 312 | 16/09/2024 | Ilmenti fuq vetturi pparkjati f'timed parking zones fi Triq G Bonnici ma Triq Dun Karm | pending | Triq G Bonnici | **LESA** |
| 313 | 17/09/2024 | Hemm cables imdendlin ħafna quddiem il-Yaki Sushi, Triq San Mikiel | settled | Triq San Mikiel | **GO** |
| 314 | 18/09/2024 | Ħġieġ fi Triq il-Wied quddiem Razzett-L-Aħmar | settled | Triq Wied | **Council** |
| 315 | 19/9/2024 | Talba biex titbattal ashtray fejn il-knisja | settled | Pjazza Ninu Cremona | **Council** |
| 316 | 19/09/2024 | Ġurdien mejjet fuq bankina 69, Triq il-Klin | settled | Triq il-Klin | **Health** |
| 317 | 20/09/2024 | Fi Triq Lewis F. Mizzi hemm manhole li kull meta tgħaddi vettura tinqala' | closed | Triq Lewis F.Mizzi | **W.S.C** |
| 318 | 23/09/2024 | Fi Triq Richard Taylor hemm bozza mall-ħajt tal-52 u meta tixgħel, qed ikun hemm mijiet ta' beetles li r-residenti mhux qed ikunu jistgħu jidħlu/joħorgu mid-dar għax ikunu wkoll mall-faċċata u mall-bieb. Jixtieq li tiġi skonnettjata għal ġimgħa l-lampa tat-triq. | closed | Triq Richard Taylor | **COUNCIL** |
| 319 | 23/09/2024 | Hemm xi ħofor fuq bankina quddiem il-52 fi Triq Richard Taylor. Biex jitkaħħlu | settled | Triq Richard Taylor | **COUNCIL** |
| 320 | 24/09/2024 | Hemm blokka ġdida flats nru. 142, Triq G Abos li għandha kaxxa safra. Dan qed jitlob li ssir kaxxa bajda għax m'hemmx garaxx | closed | Triq Geronimo Abos | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 321 | 25/09/2024 | Hemm bozza tixgħel u titfi fuq arblu nru. L135/28 fi Triq il-Prinjol | pending | Triq il-Prinjol | **ENEMALTA** |
| 322 | 25/09/2024 | Dan ir-resident qed jilmenta li qed jipparkjawlu l-karozzi b'mod li jagħlqulu bicca mill-access tal-garaxx fi Triq il-Muzika | closed | Applewood, Triq lil-Muzika | **COUNCIL** |
| 323 | 25/09/2024 | Hemm knaten impoġġijin taħt bankina fi Triq il-Wied biex jiġbru l-ilma tax-xita. Qegħdin perikolużi speċjalment fid-dlam | closed | Triq il-Wied | **COMMUNITY POLICE** |
| 324 | 25/09/2024 | Għadda Readymix u waqqa' concrete fi Triq Frederick Borg għal Carmelo Pace | settled | Triq F Borg | **NAXXAR POLICE** |
| 325 | 28/09/2024 | Ġrieden fl-għalqa ta' Triq Dott Pawlu Grech u taħt fuq bankina fil-Bypass | settled | Triq P Grech | **Health** |
| 326 | 30/09/2024 | Talba biex tersaq it-tabella ta' Triq il-Luq fil-bidu tat -triq minflok fejn tagħlaq c/w Triq il-Ħarruba | pending | Triq Luq | **Council** |
| 327 | 30/09/2024 | Talba biex isiru collapsable bollards fejn jispiċċaw id-double yellow lines maġenb il-garaxx għaliex il-ħin kollu bil-vetturi pparkjati fuq id-double yellow line fi Triq Anton Buttigieg. Mhux qed tkun tista' tuża l-garaxx | closed | Triq Anton Buttigieg | **Community Police** |
| 328 | 30/09/2024 | Il-parti tal-bankina ta' quddiemu fi Triq AM Galea ġiet banju. Il-kuntrattur kellu jirranġaha imma ma' rranġahiex | pending | 34, Triq AM Galea | **INFRASTRUCTURE** |
| 329 | 01/10/2024 | Fi Triq AM Caruana c/w Triq ES Inglott kien hemm double yellow line mad-dawra tad-dar tal-kantuniera u tneħħa. Issa qed tkun ta' periklu biex toħroġ minn Triq AM Caruana għax ikun hemm il-vetturi pparkjati fil-kantuniera. Biex jerġa jinżebah | pending | Triq AM Caruana c/w Triq ES Inglott | **Council** |
| 330 | 01/10/2024 | Hemm bozza maqtugħa mad-dar 50, Triq Ċensu Busuttil | pending | Triq Censu Busuttil | **Contractor** |
| 331 | 30/09/2024 | Ilment dwar sounds ta' għasafar matul il-lejl fl-egħlieqi ta' Triq Karmenu Vassallo | pending | Triq Karmenu Vassallo | **Police** |
| 332 | 30/09/2024 | Ħruġ ta' ilma maħmuġ minn gallariji fi Triq Karmenu Vassallo u jibqa fl-istess post minħabba difett fit-triq | pending | Triq Karmenu Vassallo | **Council** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 333 | 03/10/2024 | Hemm leakage tal-ilma mal-arloġġ tal-ilma ta' nru. 29, Triq Ċensu Bugeja | pending | Triq Ċensu Bugeja | **WSC** |
| 334 | 03/10/2024 | Fi Triq Mons PP Saydon c/w Triq Ċensu Busuttil qed titwaqqa dar u hemm il-cables mal-faċċata jżommu ma' kantun. Qegħdin ta' periklu | pending | Triq Ċensu Busuttil | **ENEMALTA** |
| 335 | 03/10/2024 | Hemm kaptelli tal-GO qed jagħmlu l-istorbju kull darba li tgħaddi vettura fi Triq Ċensu Busuttil | pending | Triq Censu Busuttil | **GO** |
| 336 | 03/10/2024 | Hemm bozza maqtugha fuq arblu nru. W097/28 fi Sqaq Garda | settled | Sqaq Garda | **Contractor** |
| 337 | 04/10/2024 | Hemm bozza maqtugħa fuq arblu nru. L014/28 fi Triq il-Luq | pending | Triq il-Luq c/w Triq il-Harruba | **ENEMALTA** |
| 338 | 07/10/2024 | Hemm bozza maqtugħa fuq Hair Tek Salon fi Triq Pawlu Grech | pending | Triq Dott Pawlu Grech | **ENEMALTA** |
| 339 | 07/10/2024 | Talba għal lampa ġdida fi Triq Razzett L-Aħmar ma arblu eżistenti fejn tidjieq it-triq | pending | Triq Razzett L-Aħmar | **Council** |
| 340 | 07/10/2024 | Talba biex jinżabru siġar quddiem 95 Triq Dun Karm | pending | Triq Dun Karm | **Council** |

## 5.5 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

5.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

5.5.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras imbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo, u l-Kunsillieri Mario Fenech, Matthew Fenech, u Mary Grace Gusman.

**(Doc. D anness)**

## 5.6 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

5.6.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

5.6.2 Applikazzjoni PA/06728/24 – 18, Clover Triq Anton Manoel Caruana L-Iklin 'Sanctioning of existing property from PB/01676/81, PA/7945/94 and PA/411/00 and increasing height of back yard walls.

5.6.3 Applikazzjoni PA/06924/24 – 86, Charlene, Triq Ċensu Busuttil, Iklin 'Sanctioning of changes from approved PA/6008/20, mainly in relation to pool area and facade due to updated survey.

5.6.4 Applikazzjoni PA/06929/24 – Jane Ray, Triq il-Klin, Iklin 'To sanction property as built in view that original permit was not traced and proposed fixing of sign, hiving of Class 4A office ancillary to public service garage, from existing garage at basement level plus other additions and alterations.

5.6.5 Applikazzjoni PA/06894/24 – Ċomba Farmhouse, Triq ir-Razzett l-Aħmar, Iklin 'To sanction internal and external changes from approved PA/5247/00 and PA/5268/08.

5.6.6 Applikazzjoni PA/07097/24 – Homer Fields, off Triq Erin Serracino Inglott, Iklin 'To sanction rubble wall, gate and two birds' lofts. Proposed two stables, pump room, excavation for reservoir of 104m3 and stairs leading to agricultural field.

5.6.7 Applikazzjoni PA/07108/24 – 37 Triq in-Namur c/w Triq il-Plejju L-Iklin 'To propose some alterations to the approved permit PA3823/2, including excavation of staircase base.

5.6.8 Applikazzjoni PA 06478/24 – 39 Triq il-Mużika L-Iklin 'Extension of ground floor level as approved in PA/00062/22, proposed excavation to provide ancillary storage for residential units.

## 5.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PUBBLIKA

5.7.1 Il-minuti tal-laqgħa pubblika kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

5.7.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 5.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-PJAN TA' ĦIDMA TAL-KUNSILL 2024-2029

5.8.1 Il-Pjan ta' Ħidma reġa ġie moqri u diskuss għat-tieni darba wara li kien ippreżentat fl-aħħar seduta tal-Kunsill.

5.8.2 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo dwar il-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma għal din il-leġiżlatura li tkopri l-perjodu 2024-2029 suġġett li jiġi rivedut kull sena.

5.8.4 Il-Pjan ta' Ħidma kien approvat *nem con*.

## 5.9 MOZZJONI DWAR TALBA UFFIĊĊJALI GĦAL DEVOLUZZJONI TA' SIT PROPRJETÀ PUBBLIKA FI TRIQ DOTT PAWLU GRECH

5.9.1 Is-Sindku Dott Dorian Sciberras ressaq mozzjoni issekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo dwar sit proprjetà pubblika fi Triq Dott Pawlu Grech biex tiġi devoluta lill-Kunsill Lokali L-Iklin bil-ħsieb li jsir urban greening project. Is-Sindku żied jgħid li huwa kien diġa vara l-ideja ma' Project Green biex ikun jista jsir proġett għall-komunità tal-Iklin.

5.9.2 Il-mozzjoni għaddiet *nem con*.

**(Ara dok. E)**

## 5.10 PROĠETT PILOTA – COCREATE NEW EUROPEAN BAUHAUS OPEN CALL 2025

5.10.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa li kien ħejja Letter of Support bħala stakeholder fil-proġett propost COCREATE 'Collaborative Optimisation of Community Residential Environments with Active Team Engagement'. Dan il-proġett se jkun ko-ordinat bejn l-Università ta' Malta, Faculty for the Built Environment in collaboration with Project Green u

sintendi l-Kunsill se jkun qed jappoġġja dan il-proġett. Din il-proposta ser tiġi sottomessa fi ħdan CO-CREATE New European Bauhaus Open Call 2025.

L-ideja ta' din il-proposta huwa li nindirizzaw il-valuri ewlenin ta' New European Bauhaus in konnessjoni mal-lokalità tal-Iklin, bl-għan li jsir proġett pilota bi studji dwar l-egħluq tal-ispazju miftuħ b'mod temporanju biex jiġu organizzati attivitajiet (activities with visioning, co-design, and co-creation workshops, resulting in a small-scale tactical intervention).

Dan l-istudju ser jgħin ukoll fil-ħsieb ta' re-design tal-ispazju miftuħ ta' Ninu Cremona fejn il-Kunsill qed jaħdem fuq proġett ambizzjuz tal-bini ąmministrattiv tal-Kunsill u titjib ieħor li jinkludi rilokazzjoni tal-playing field u tisbiħ tal-ġnien.

Is-Sindku ikkonkluda li huwa kien kommess li jipprovdi l-appoġġ tal-Kunsill f'dan il-proġett pilota għaliex ċertament l-istudju se jkun għodda meħtieġa f'idejn il-Kunsill meta joħorġu r-riżultati ta' dan l-istudju li għandu jservi wkoll bħala supporting document għall-proġett ambizzjuz tal-Kunsill.

5.10.2 Il-Kunsill approva *nem con.*

## 5.11 POST MORTEM TA' THE FIRST FORUM OF MAYORS' MEETING

5.11.1 Is-Sindku Dott Sciberras faħħar lill-amministrazzjoni tal-organizazzjoni tal-laqgħa għaliex kienet ben organizzata.

Irringrazzja lis-Sindki, Viċi Sindki, Kunsillieri u Segretarji Eżekuttivi mistiedna għaliex mhux biss attendew iżda s-Sindki ffirmaw dikjarazzjoni konġunta bid-data tas-27 ta' Settembru li fiha ddikjaraw li jinsabu konsapevoli illi ż-żona li tagħha s-Sindki

huma rappreżentanti eletti b'vot u għażla taċ-ċittadini, għandhom diversi attivitajiet illi qegħdin jagħmlu impatt dirett fuq il-kwalità tal-arja, l-ikbar fosthom huma attivitajiet industrijali kif ukoll il-konġestjoni tat-traffiku.

Jifhmu li r-residenti li jgħixu f'dawn il-lokalitajiet tal-Iklin, Ħal Lija, Ħal Balzan, Swieqi, B'Kara, Naxxar, Ħal Għargħur u San Ġwann għandhom dritt sagrosant li jgħixu f'ambjent san u mingħajr ebda biża għas-saħħa tagħhom, kif ukoll id-dritt ta' tgawdija tar-residenza tagħhom mingħajr inkonvenjenzi ġġenerati minn attivitajiet industrijali u oħrajn eċċessivi li ma jirrispettawx l-ambjent urban u rurali li fihom qed joperaw.

Jifhmu li l-komunità industriajli u dik kummerċjali għandha dritt illi topera fil-parametri tal-liġi. Jifhmu illi dawn l-isfidi huma sfidi li jistgħu jingħelbu biss jekk isiru sforzi kollettivi serji bejn l-imsieħba kollha konċernati, bl-akbar onerju jaqa' fuq il-Gvern Ċentrali u l-Gvernijiet Lokali taż-żona sabiex jinstav bilanċ fejn kulħadd jista jgawdi d-drittijiet tiegħu mingħajr xkiel u biża. F'dan ir-rigward, il-Gvernijiet Lokali firmatarji ddikkjaraw illu se jaħdmu flimkien sabiex jegħlbu b'kull mod possibbli l-isfidi fiż-żona tat-tmien lokalitajiet illi jimpattaw b'mod negattiv fuq il-kwalità tal-arja.

Għalhekk is-Sindki firmatarji intrabtu illi jaħdmu flimkien bil-prinċipju ta' koperazzjoni imsaħħa sabiex ikunu l-vuċi taċ-ċittadini rispettivi u eżempju ta' Governanza tajba u l-mod ta' kif għandhom jitmexxew il-Gvernijiet Lokali.

Is-Sindku Dott Sciberras ikkonkluda li kien important issa li s-Sindki iffirmaw din id-dikjarazzjoni iżommu dan il-momentum biex inkomlu nindirizzaw l-isfidi li hemm dwar il-kwalità tal-arja.

## 5.12 ĦSEJJES IĠĠENERATI WAQT L-ANNUNĊI MILL-ISKOLA MIDDLE SCHOOL NAXXAR

5.12.1 Is-Sindku Dott Sciberras fetaħ id-diskussjoni dwar l-ilmenti li qed jirċievi l-Kunsill dwar l-annunċi li jsiru mill-Iskola fin-Naxxar li tiġi border mall-lokalità tal-Iklin. Ir-residenti li jirrisiedu fiż-żona ta' upper Iklin ilhom jilmentaw minn dan l-inkonvenjent li jikkonsisti fi ħsejjes iġġenerati mill-PA system tal-iskola.

Is-Sindku kompla jgħid li fil-bidu ta' din is-sena, din il-materja kienet indirizzata u saħansitra kien hemm komunikat mill-Kap tal-Iskola fejn spjega l-miżuri li ħa bħala Kap tal-Iskola biex l-

inkonvenjent ikun wieħed minimu. Però minkejja l-miżuri li ħadet l-Middle School xorta waħda jidher li r-residenti mhumiex sodisfatti bis-sitwazzjoni.

5.12.2 Il-Kunsillier Mario Fenech qal li kien avviċinat minn resident li saħansitra għaddielu *footage* bħala evidenza tal-ħsejjes irrilaxxati mill-Iskola.

5.12.3 Wara diskussjoni, kien deċiż li tissejjaħ laqgħa għar-residenti tal-madwar ġewwa s-Sala tal-Kunsill biex nisimgħu aktar dwar dan l-inkonvenjent u fl-istess waqt nisimgħu aktar dwar il-konċernament tar-residenti dwar l-iżvilupp li għaddej li jikkonsisti fi Sports Complex ġdid li huwa fil-ġurisdizzjoni tal-lokalità tan-Naxxar *border* mal-Iklin peress li r-residenti qed jissuspettaw li qed tinfetaħ gate għal fuq Triq Giorgio Locano.

Is-Sindku Dott Sciberras spjega li l-Kunsill qatt ma kien involut f'dan il-proġett peress li l-proġett propost kien fuq il-lokalità tan-Naxxar. Fil-fatt, is-Sindku informa lill-preżenti li meta l-Kunsill beda jindaga dwar dan il-proġett fil-leġiżlatura preċedenti, *site notice* li tweħħlet mall-*boundary wall* fi Triq Giorgio Locano kien skorrett. Imbagħad il-Kunsill kien eventwalment tkellem mall-Konsulenti tal-Kunsill dwar dan l-iżvilupp propost u rnexxielu jikseb n-numru tal-applikazzjoni tal-Iżvilupp PA/09349/17. Id-deskrizzjoni tax-xogħlijiet jgħid hekk ' Construction of a fottball pitch and two underground parking levels', and introduction of new access road through school grounds and minor landscaping works.

5.12.4 Fid-dawl ta' dawn iż-żewġ materji, is-Sindku Dott Sciberras ippropona li tissejjaħ laqgħa pubblika mar-residenti affettwati sabiex nisimgħu aktar qabel mal-istess Kunsill jieħu l-pariri legali dwar il-kwistjoni.

5.12.5 Kien hemm qbil unanimu li tissejjaħ laqgħa ġewwa s-Sala tal-Kunsill nhar il-Ħamis 17 ta' Ottubru fil-5.00 p.m.

Is-Segretarju Eżekuttiv se jkun qed jipprepara avviż biex titqassam f'kull residenza sabiex ir-residenti kollha mpattati b'mod negattiv jiġu notifikati dwar din il-laqgħa pubblika.

## 5.13 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

5.13.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 6 ta' Novembru 2024 fil-5.30 pm.

5.13.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar l-Erbgħa, 6 ta' Novembru 2024 fil-5.30 pm.

5.13.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.30 pm.

**Dr. Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv